MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Numru 891/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**vs**

**Carmel Fava**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Carmel Fava ta' 33 sena, bin Carmelo u Josephine nee' Cassar imwieled Pieta' fil-4 ta' Awissu, 1969 u residenti Joscarm, Triq Sant'Anglu, Zejtun detentur ta' karta ta' identita numru 311969(M) akkuzat talli:

f'dawn il-gzejjer fis-27 ta' Gunju 2000 u matul il-gimghat ta' qabel din id-data, waqt li kien qieghed jahdem fuq fond ta kostruzzjoni fi triq l-Ghansar, Birzebbuga b'diversi atti

maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ l-elettriku, tal-kwalita’ mehuda jew ikkonsmata, ikkommetta serq ta’ dawl elettriku fl-ammont ta’ hames liri Maltin, liema serq hu kwalifikat bil-mezz ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi.

Ikkunsidrat:

L-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizzjonata u ippersista fiha anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq tali ammissjoni issib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-Artikoli 261, 264, 279, tal-Kap 9 u wara li qisiet ic-cirkostanzi tiddecidi li tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien 3 xhur millum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------